Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,757, 24 ta' Diċembru, 2021
Taqsima B

A.L. 490 tal-2021

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP. 123)

Regoli tal-2021 li jemendaw ir-Regoli dwar Assenjamenti ta' Jeddijiet Miksuba taħt Konvenju

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 5A u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2021 li jemendaw ir-Regoli dwar Assenjamenti ta' Jeddijiet Miksuba taħt Konvenju u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Assenjamenti ta' Jeddijiet Miksuba taħt Konvenju, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regoli prinċipali". L.S. 123.198.

Jissostitwixxi r-regola 12 tar-regoli prinċipali.

2. Ir-regola 12 tar-regoli prinċipali għandha tiġi sostitwita bir-regola ġdida li ġejja:

"Assenjamenti magħmula wara l-31 ta' Diċembru 2020.

12. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq, income derivat minn assenjament li japplikaw għalih dawn ir-regoli li jsir wara l-31 ta' Diċembru 2020 iżda mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2022, għandu jiġi ntaxxat bir-rata msemmija fir-regola 5 u skont id-dispożizzjonijiet ta' dik ir-regola, ikun xi jkun il-prezz għal dak l-assenjament u bla referenza għar-regoli 6, 7, 8 u 9.".